**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Clayton James Fenech**

**Kumpilazzjoni numru 1041/2011**

**Illum 23 ta' Mejju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clayton James Fenech** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104185 (M) billi huwa akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju 2011 ghall-habta ta' 12:15 hrs gewwa Triq l-Infetti, Mdina u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

i. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Renee Pelland hekk kif iccertifika Dr. Alan Drago M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;
ii. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta'

regolamenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jean Guy Legendre ta' Passaport numru JQ898828 hekk kif iccertifika Dr. Joseph Mifsud M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

iii. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shanaia Buhagiar hekk kif iccertifika Dr. John Cutajar M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

iv. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Buhagiar li ghandu numru tal-identita' 664550 (M) hekk kif iccertifika Dr. Mark Rossa M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

v. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paulina Buhagiar li ghandha numru tal-identita' 90556 (M) hekk kif iccertifika Dr. Mark Buhagiar M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

vi. Waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni EBK 454 ghad-dannu ta' Simon Azzopardi li ghandu numru tal-identita' 272861 (M) u terzi persuni ohra;

vii. U aktar talli waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 tal-marka BMW b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni GLN 219 ghad-dannu ta' Paulina Buhagiar li ghandha numru tal-identita' 0090556(M) u terzi persuni ohra;

viii. U aktar talli saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz bi ksur tar-Regolamenti tat-Traffiu et sequitur;

ix. U aktar talli saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni UVE 333 b'velocita eccessiva.

Il-Qorti giet gentilment miltuba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Clayton James Fenech milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 6 ta' Jannar, 2014 (esebita a fol. 460 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 225(1), 225(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328(a), 328(c), 328)d) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2014 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat Clayton James Fenech.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni, Parte Civile u d-difiza.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2011.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'effiċjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l- inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz u tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### Preliminari

L-imputat jinsab akkuzat b'omicidju involontarju, offizi involontarji ta' natura hafifa u gravi fuq il-persuna, hsara involontarja u sewqan tal-vettura tieghu bin-numri ta' registrazzjoni UVE 333 b'mod traskurat, perikoluz u b'velocità eccessiva.

Illi dan kien incident sehh fis-16 ta' Lulju 2011 gewwa Triq l-Infetti, Mdina fit-triq int u tiela' lejn ir-Rabat wara li thalli r-roundabout kif taqbez Ta' Qali, fejn kienu involuti tliet vetturi: UVE 333 misjuqa mill-imputat Clayton James Fenech fejn kellu bhala passiggier lil Mark Anthony Camilleri, l-vettura EBK 454 misjuqa minn Jean Guy Legandre li kellu bhala passigiera lill-vittma Renee Pelland u l-vettura GLN 219 kienet misjuqa minn Paulina Buhagiar u kellha bhala passiggiera lil Anthony Buhagiar u l-minuri Shania Buhagiar.

Il-bazi ta' l-ewwel imputazzjoni huwa l-artikolu 225 (1) tal-Kap. 9 li jipprovdi li:

> "*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*"

L-elementi rikjesti minn dan l-artikolu sabiex tissussisti din l-offiza huma:-

i. Azzjoni li issir b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti;
ii. Jikkaguna mewt;
iii. fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih mietet Renee Pelland sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l- htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha '*colpa incosciente*' a differenza minn dik imsejha '*colpa cosciente*', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- *"L'inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-**High Way Code – Motor Vegicle Regulations** – bl- iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is- segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal*

*accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. *la volontarieta dell'atto;*
2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo;* u
3. *la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmex htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 t'Ottubru 2012 f-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Stroud** il-Qorti kkwotat dak illi qal Archbold fil-ktieb awtorevoli "*Criminal Pleading, Evidence and Practice*":

> *"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case. . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud**[2], inghataw t-tifsiriet lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"**<u>Sewqan traskurat</u>** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**<u>Sewqan bla kont</u>** (*reckless driving*) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**<u>Sewqan perikoluz</u>** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."

[2] Deciza mill-Imhallef Vincent DeGaetano

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad- dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-ligi Civili r-*res ipsa loquitur* [l-fatti jitkellmu wehidhom) m'ghandhiex applikazzjoni diretta fil-Ligi Kriminali  izda kif intqal fil-kaz **Wilkinsons** f'para 5.52:

> "*the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict*".

Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

> *"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il- kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli"*.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[3]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali rriteniet ukoll li

> *... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in- nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[4]

Illi dwar velocita m'hemmx dubju li *speed* jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[5]

Id-doveri tas-sewwieq gew sottolinjati ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Muscat** deciza fis-6 ta' Mejju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn qalet li:

> *"ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu*

[3] **Pulizija vs Roderick Debattista**: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004
[4] **Pulizija vs Joseph Grech**: deciza 6 ta' Gunju 2003
[5] **Pulizija vs Haden Vella** op cit

*milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi … ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza"*

Fil-kaz ***R v L*** *[2011]* Toulson LJ sostna:

*"..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury."*

Fil-kaz **R v Hughes** [2013] UKSC 56 intqal li:

*"some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate driving or not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual."*

**Il-kuncett tal-*bonus pater familias***

Il-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjonijiet spjega li "l-akkuzi jittrattaw ir-reat ta' omicidju involontarju, ossia l-fatt illi bin-non-kuranza jew non-osservanza tar-regolamenti, bin-nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, ikkawza l-mewt ta' Renée Pelland f'incident awtomobilistiku. Fi kliem iehor ma hux ipotezzat reat fejn hu mehtieg il dolo, izda l-fatt illi l-imputat agixxa b'mod li bih seta' jobsor (meta fil-fatt ma basarx) illi bl-agir tieghu kien ser johloq is-sinistru. It-test f'dan il-kaz huwa jekk l-imputat, waqt li kien qieghed isuq, kienx qieghed isuq bil-galbu u skont ir-regolamenti vigenti tat-triq *qua bonus paterfamilias* jew le. Jekk kien qieghed jagixxi b' dan il-mod, wiehed irid jasal ghall-konkluzjoni illi l-incident sehh minhabba raguni accidentali li ma setghat QATT u bl-ebda mod tigi evitata. Izda dak li jigi ipotezzat f' dawn ic-cirkostanzi huma

ohrajn: illi minghajr il-hsieb li jikkawza dan l-incident, huwa naqas milli jagixxi bhala *bonus paterfamilias*, u proprju minhabba din in-non-kuranza ikkawza l-incident de quo."

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija v. Kevin Sammut**[6] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

> Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> > **Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw**

[6] App Nru 192/08

**mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland*[7]:**

**"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[8]**

**U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[9] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

[7] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[8] Para. 7.28, pp. 232-233.
[9] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[10] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In**

[10] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether...reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[11]**

**Opinjoni ta' espert kontra perswazjoni tal-Qorti**

Il-Qorti se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Akram Amar Swayah**[12] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil- fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l- perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-*

[11] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.
[12] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l- perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma'xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) v. George Xuereb**[13] ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha*

[13] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[14] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Aggent President DImhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill- Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

***"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

[14] Appell Kriminali Numru 3333/2010

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[15] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

> *Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9: **"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall- fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."** L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li **"kontra l- perswazjoni"** taghhom ma kienx ifisser **"kontra l-kapricc ta' mohhkom"** izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg**[16] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

> *Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*
>
> ***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***
> *Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[17], "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[18], King C.J. qal:*

[15] Appell Kriminali Numru 9/1996
[16] Appell Kriminali Numru 22/1997

[17] Para. F10.3 pagna 2120.
[18] Para. 10-65 pagna 1234.

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***
***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt* ***"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"*** *(Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*
*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il- kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

**Dikjarazzjoni ta' Jean Guy Legendre**

Il-Qorti se taghti piz ghal dak li l-*parte civile* Jean Guy Legendre iddikjara *a tempo vergine* mal-imputat, Mark Anthony Camilleri, Josephine Soler u l-pulizija, li hu kien dizorjentat u saq fuq in-naha 'l ohra tat-triq ghax haseb li dik kienet triq b'zewgt karregjati:

*"All of a sudden got disorientated and drove on the wrong side of the road and the collision occurred"*[19].

Il-parte civile sostnew li tali diskors intqal wara li Legendre kien ghadu kif kien involut f'incident fejn fih huwa *"dam jiem dizorjentat bis-sedativi u b'martu fl-ITU tilghaba bejn hajja u mewt"*.

Il-Qorti rat r-ritratti kollha esebiti f'dan il-process u f'wiehed minnhom li kien esebit mill-imputat[20] fl-ahhar seduta qabel saru s-sottomissjonijiet finali bil-kitba, Legendre jidher bilqeghda hdejn martu fejn jidher qieghed b'*mobile* jaghmel telefonata.

L-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri jghid li meta ezaminah fl-isptar Mater Dei dakinhar wara l-incident, *"Legendre kien orjentat ghall-lok, hin u persuna u fehem din it-twissija li giet moghtija lilu u ta l-kunsens verbali sabiex jigi ezaminat medikolegalment…."*[21].

Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Loreto Borg***, deciza mill-Qorti tal-Appell, deciz mill-lmhallef Dr. W Harding, nhar il-21 ta' Mejju 1955 fejn intqal li:

---

[19]*a fol* 40

[20] Id-difiza fin-nota taghha tikkontesta dawn ir-ritratti "L-imputat jipprezenta xi ritratti tax-xena tal-incident, illi minnhom innifishom iqajmu dubji serji dwar il-kreddibilita' taghhom: mhux talli dawn qatt ma gew ipprezentati lill-Pulizija jew lill-espert tal-Qorti qabel is-seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar 2016, izda talli dan il-mobile qatt ma gie ezebit fil-Qorti. Dawn ir-ritratti allura ma jistghu qatt jigu pparagunati b'mod oggettiv mal-originali, u f'incident ta' din in-natura fejn kien hemm persuna illi qieghda tmut, hemm interess illi kull evidenza tigi pprezervata b'kull mezz possibli. L-esponent iqis dan l-attegjament tal-imputat dubjuz ghall-ahhar."

[21] *a fol* 194

*"Il-fatt li wiehed jaccetta dikjarazzjoni kuntrarju ghalih, maghmula minn haddiehor fil-prezenza tieghu jew fejn hu jista' jismaghha, minghajr ma jghid xejn, jikkostitwixxi awto-inkolpazzjoni, apparti minn kull prova ohra"*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino***, deciza mill-Qorti tal-Appell presedut mill-Imhallef Harding, nhar it-30 ta' Marzu 1963, il-Qorti kkonkludiet li:

*"there may be corroboration in the prisoner's own evidence and in the circumstances of the case and his own conduct"*[22].

**Ir-relazzjonijiet tal-espert Mario Buttigieg**

Il-Qorti tirrimarka illi l-opinjoni ta' espert wiehed jista' jirrispettaha izda ma jfissirx illi dak li jghid l-espert huwa dogma tal-fidi u ghalhekk l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi min ghandu jiggudika mill-fatti mhux marbut mal-konkluzzjoni tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.

Il-Qorti kellha c-cans tara dak li kellha xi tghid id-difiza dwar l-inkarigu li kellu l-espert Mario Buttigieg.

Id-difiza fl-argumenti taghha fost l-ohra elenkat dan li gej:

L-espert Mario Buttigieg fl-ewwel rapport li gie esebit fil-process[23]. hemm miktub:

*"Illi rrizulta li <u>s-sewwieq tal-vettura Chevrolet kien issorpassa l-karreggata li hemm f'nofs it-triq</u> u sehhet il-habta mal-vettura li kienet ghaddejjha fid-direzzjoni opposta. Illi bl-impatt il-vettura Chevrolet daret u sussegwentament habtet ma' vettura ohra li kienet gejja fl-istess direzzjoni li kienet ghaddejjha fiha l-vettura Chevrolet."*

[22] Jikkowota minn Harris, *Principles and Practice of the Criminal Law* (Wilshere) p 452
[23] *a fol.* 296

F'para 4.9 u 4.10 tar-rapport tieghu, l-espert Mario Buttigieg jikteb:

*4.9: "Illi l-allegat incident sehh fil-karregjata tan-naha tax-xellug tat-triq (meta wiehed ihares lejn ir-Rabat)."*
*4.10: "Illi hekk kif Fenech kien qed idur mal-liwja li hemm f'din it-triq fil-vicinanzi tal-karregjata, <u>il-vettura misjuqa minn Legendre ghal xi raguni qabzet in-nofs tat-triq u sehhet il-habta fil-BMW</u>."*

F'para 4.13 tar-rapport jghid illi meta kien hemm hu tefghu xi trabb u li *"irrizulta li kienu ghaddew diversi vetturi minn fuq l-area tal-incident"* u li kien hemm *"diversi tyre makrs li hallew vetturi meta ghaddew minn fuq it-triq."*

F'para 4.14 a fol 307, l-espert jikteb li *"ma setax jistabbilixxi fil-fatt jekk kienx hemm xi vettura li halliet xi sinjali ta' brejkijiet fuq wicc it-triq."*

L-espert Mario Buttigieg jghid x'intqal minn Legendre li hu dak li intqal lil PS 163 Robert Azzopardi li hu *"all of a sudden I got disoriented and drove on the wrong side of the wrong side of the road and the collision occurred…".*

Meta l-espert kien kellem lil Legendre tlett ijiem wara l-incident, dan qallu *"I do not remember in which side of the road I was driving in when the incident occurred."*

Ma eskludiex li hu probabilment ghafas il-break qabel l-incident: *"I do not remember whether I braked before the accident, I could have breaked as an automatic reaction."*

F'dan r-rapport fejn partijiet minnu kwotati supra l-espert Buttigieg jikkonkludi illi: *"jidher li kienet il-vettura BMW li kienet qed tinstaq minn Fenech illi harget mill-karreggata taghha u habet fil-vettura Chevrolet".*

L-istess espert ipprezenta t-tieni rapport li jinsab *a fol.* 383 *et seq.* tal-process.

Fl-ewwel rapport a fol 305 tal-process qed jghid li:

*"irrizulta li s-sewwieq tal-vettura Chevrolet kien issorpassa l-karreggata li hemm f'nofs it-triq u sehhet il-habta mal-vettura li kienet ghaddejjha fid-direzzjoni opposta."*

Fit-tieni rapport para. 4.6 (fol 392), qieghed jghid:

*"li rrizulta li s-sewwieq tal-vettura BMW kien issorpassa l-karreggata li hemm f'nofs it-triq u sehhet il-habta mal-vettura li kienet ghaddejha fid-direzzjoni opposta."*

Fil-para. 4.10 tal-ewwel rapport a fol 306 jghid:

*"il-vettura misjuqa minn Legendre ghal xi raguni qabzet in-nofs tat-triq u sehhet il-habta fil-BMW",*

mentri, f'paragrafu 4.10 tat-tieni rapport, (fol 393) insibu li

*"il-vettura misjuqa minn Fenech ghal xi raguni qabzet nofs it-triq u sehhet il-habta fil-BMW"*

F'para. 4.15 tat-tieni rapport (fol 394) jghid hekk:

*"illi gie konstatat li d-debris li thalla mill-vetturi kien ghadu kollu fuq ix-xena tal-incident izda tnehha mill-vettura li ghaddew mit-triq",*

mentri fl-ewwel rapport para 4.15 (fol 307-308) jikteb hekk:

*"Illi gie konstatat li d-debris li thalla mill-vetturi kien ghadu kollu fuq ix-xena tal-incident. Illi fuq il-post tal-allegat kollizjoni kien hemm sinjali cari tal-ispot of impact u kien jinsab fuq in-nofs tal-karreggata u fuq in-naha tal-lemin."*

Il-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjoni taghhom sostnew li:

> "Dan ifisser illi dak l-ewwel rapport ma kienx rapport lest, u li l-konkluzjonijiet, jekk xejn, kienu saru fi stat bikri u ghal kollox prematur. Minkejja dan, Clayton James Fenech xorta wahda jaghzel li jikkwota mir-rapport inkomplet sabiex jibbaza d-difiza tieghu u sabiex b'xi mod ikompli jpingi dawl ikrah fuq Mario Buttigieg, anka wara li din l-Onorabbli Qorti ordnat illi tigi pprezentata l-verzjoni kompleta tar-rapport. Fuq kollox, kieku l-ewwel rapport illi gie pprezentat kien jissodisfa l-esigenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti ma kienx ikollha ghalfejn tordna illi tigi ezebita kopja tar-rapport komplet u finalizzat!"

Il-Qorti qabel intalbet biex isservi fil-Gudikatura ghamlet zmien twil isservi bhala espert tal-Qorti u taf sewwa kif jinhatru l-esperti, kif iwettqu l-inkarigu taghhom u x'jaghmlu meta jlestu l-inkarigu.

**Bid-dovut rispett lejn il-*parte civile* l-Qorti taghmilha cara li mhux minnu li l-ewwel rapport kien bikri u t-tieni rapport kien finali. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qieghda tnaqqas b'xi mod mill-kredenzjali tal-espert involut jew inkella qieghda taccetta l-argumentazzjoni tad-difiza li l-espert kellu xi konflitt ta' interess. L-espert kellu joqghod aktar attent li r-rapport tieghu ikun aktar preciz minghajr deskrepanzi bla bzonn.**

Iz-zewg rapporti t-tnejn li huma ffirmati u datati 29 ta' Lulju 2011[24] u prezentati quddiem il-Qorti. It-tnejn li huma gew ipprezentati in atti *viva voce* u bil-gurament. Meta l-espert Mario Buttigieg xehed l-ewwel darba[25] u pprezenta r-rapport tieghu ma qalx li r-rapport ma kienx komplut. Meta l-espert ipprezenta t-tieni rapport qal li kien qed jesebixxi

[24] Folio 334 u 439 tal-process.
[25] *A fol.* 292

r-ritratti wkoll flimkien mar-rapport[26]. Il-Qorti tirrimarka li fejn tidhol fotografija l-esperti tas-*scene of the crime* ikunu hadu r-ritratti li jkunu prezentanti fl-atti tal-inkjesta jew inkella waqt li jkun jinstema' l-kaz. Jidher li dahlet drawwa li l-esperti f'oqsma varji qeghdin jipprezentaw ir-ritratti li jkunu hadu huma waqt li jkunu qeghdin iwettqu l-inkarigu meta dan ma jkunx mitlub minnhom u wisq inqas awtorizzat mill-Magistrat Inkwirenti bi spejjez zejda ghall-amministrazzjoni tal-Qorti jew ghall-imputati meta jinstabu hatja jkunu kkundannati l-ispejjez kif jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Il-Qorti wara li rat iz-zewg rapporti tal-espert esebiti f'dan il-process mhix se taqbel mal-konkluzzjoni li wasal ghalija l-espert u dan wara li rat x'jipprovdi l-Artikolu 656:**

> *"Min għandu jiddecidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu."*

**Limitu tal-velocita**

L-imputat Clayton James Fenech gie ukoll akkuzat talli ecceda l-limitu ta' velocita dak ta' 80 kilometri fis-siegha barra ibliet w rhula, u dak ta' 50 kilometri fis-siegha fl-ibliet u irhula.

Jinghad illi *'the surrounding circumstances must be taken into account in deciding whether there is danger to the public"* (Crim Law Review, June 1959, p.460)

Il-prosekuzzjoni tghid li "hawn ta' wiehed jinnotta li anke li kieku l-istess vettura kienet qed tinsaq bi *speed* ta' 80 kilometri fis-siegha ix-xufier ikun qed jonqos mid-doveri tieghu bhala sewwieq jekk ma jihux dawk il-mizuri mehtiega f'kundizzjonijiet li jirrekjedu aktar attenzjoni".

---

[26] *A fol.* 379-380 u 382

Il-prosekuzzjoni indikat lill-Qorti d-decizjoni tat-22 ta' Dicembru, 1967 mil-Imhallfin S.T.O. Prof. Sir Anthony Mamo LL.D., Onor. Prof. J.J. Cremona LL.D. u l-Onor. J. Flores LL.D. fl-Appell Civili **Michael Butler versus Peter Christopher Heard** fejn gie retenut li *'sewqan, anke mhux superjuri ghal dak regolamentari, jista jkun eccessiv meta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz jkun imprudenti u kawzattiv tal-incident.'*

Fis-sentenza **Pulizija vs. Roger Briffa** ta' 30 ta' Gunju, 1962 l-Imhallef Onor., Dr. W. Harding LL.D jghid li:

> *'Kwantu ghal l-ispeed li bih kien miexi id-driver, l-ispeed eccessiv wahdu mhux ta' bilfors hu speed perikoluz, imma jista jkun talli f'determinati cirkustanzi; u f'dawk ic-cirkustanzi, speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari; ghax allura l-limiti jkun impost mill-prudenza, dettata mil-fattura ambjentali tal-mument.'*

Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kaz Il-**Pulzija vs. Gaetano Fabri**[27] intqal li *"sewqan bi speed eccessiv fi triq traffikuza, specjalment hdejn salib it-toroq, hu perikoluz, avolja t-triq tkun wiesgha u dak il-mument ma kienx hemm traffiku iehor..."*

Fi sentenza Il-**Pulizija vs. R. Bugeja** deciza fit-30 ta' Gunju, 1962 intqal *"Speed jista' jkun eccesiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jsikorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturia ambjentali tal-mument"*.

**Livell ta' prova biex tinstab htija**

lli l-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din l-Onorabbli Qorti hu safejn jista' jinghad illi kien hemm xi negligenza ta' xi hadd mill-partijiet jew mit-tnejn illi seta' kien fattur kontributorju ghal dan l-incident.

---

[27] Deciz mill-Imhallef W. Harding fil-15 ta' Settembru, 1962

L-awtur Taljan Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "**Casi Pratici in Materia di Circolazione Stradali**" f'pagna 51 jghid, "*Riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio; la stada e' di tutti. Essa e' un bene al cui utensa I cittadini tutti sono ammessi con parita' di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggior doveri da parte di coloro che la dominano alla guida di mezzi che per le loro intrinsiche caratteristiche di velocita' e di potenza possono costituire anche solo per questo un imanente pericolo per la circolazzione.*"

Ghalhekk, il-punt tat-tluq tal-konsiderazzjonijiet tal-esponent huwa li t-triq ghandu dritt ikun fiha kulhadd u kulhadd ghandu obbligi u doveri x'josserva mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li jinsab fihom.

Issa kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. James Abela**" [11.7.2002] fejn kienet citata sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] "il-fatti – inkluzi il-provi indizjarji – "*circumstantial evidence*" jistghu ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*" . These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Il-Qorti proprju ghamlet dawn il-"*<u>presumptions of fact</u>*" li johorgu mid-dinamika tal-incident.

Illi hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. **Pol. vs. Joseph Vella** - 10.8.1963) u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "<u>a proper lookout</u>" (Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. J.M. Laferla**,17.6.1961).

lli f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali: "Il-**Pulizija vs. Gaetano**

**Schembri**" (16.3.1961) ; "Il-**Pulizija vs. John Polidano**" (3.11.1963) ; "Il-**Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**" (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn.)

Ghal dik li hi kawzalita' hi rilevanti l-osservazzjoni li ghamel Lord Reid:-

> *"One may find that as a matter of history several people have been at fault and that if any one of them had acted properly the accident would not have happened, but that does not mean that the accident must be regarded as having been caused by the faults of all of them. One must discriminate between those faults which must be discarded as being too remote and those which must not.*
>
> *Sometimes it is proper to discard all but one and to regard that one as the sole cause, but in other cases it is proper to regard two or more as having jointly caused the accident. I doubt whether any test can be applied generally."*
>
> (**Stapley v. Gypsum Mines Ltd** – 1953) [*Charlesworth & Percy on Negligence,* R.A. Percy 8 Edizzjoni, Sweet & Maxwell (1990) pagna 390.]

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment

konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet, jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 ta' Ottubru 2006)."

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi. Mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

Illi min-naha 'l ohra meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda li l-imputat minnu moghtija f'dawn il-proceduri setghet tinnota certu konsistenza f'dak li qal kif ukoll li l-attegjament u l-komportament tieghu ma taw ebda indikazzjoni li huwa ma setax jitwemmen.

Illi bhala rikapitulazzjoni din il-Qorti tghid li wara li hadet inkunsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotti f'dan il-kaz u flietu bil-lenti ndikata mill-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tista' tasal biss ghal konkluzjoni wahda li ma jirrizultax li kien xi agir tal-imputat bhala il-fattur li wassal għal dan l-incident stradali.

F'dan il-kaz il-Qorti jirrizultalha li kien l-agir ta' Jean Guy Legendre il-kawza tal-incident stradali, kif stqarr hu stess *"All of a sudden got disorientated and drove on the wrong side of the road and the collision occurred"*.

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminal f'Il-**Pulizija v Richard Grech** fil-21 ta' Marzu 1996:

> *"Jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."*

Il-Qorti taddotta l-istess argumenti legali migjuba aktar 'l fuq u tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat ma huwiex responsabbli ghal griehi li garrab Jean Guy Legendre, Shanaia Buhagiar, Anthony Buhagiar u Paulina Buhagiar u ghalhekk l-imputat lanqas se jinstab hati tat-tieni, t-tielet, r-raba' u l-hames akkuza.

**DECIDE**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 225, 226, 328 u 553 tal-Kapitolu 9, Artikoli 32 u 15 tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat Clayton James Fenech hati u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih.

_________________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**